MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 1452/1996/1

**Josephine u Carmelo konjugi Le Provost u b'digriet tas-7 ta' Dicembru 2000 il-gudizzju gie trasfuz minn Carmel Le Prevost fl-ismijiet ta' Marlon Le Prevost flimkien ma l-attrici f'isimha u ghan-nom tal-minuri Wiliana, Anabelle u Jean Pierre**

**v.**

**Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-7 ta' Mejju 1996 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew: -

Illi huma ghandhom il-kirja ta' bar minghand il-Kummissarju tal-artijiet illi jigi biswit l-istadium tal-football

gewwa Ghawdex u b'mod li t-twieqi tal-istess u l-bejgh jista' jsir ghal go l-istess stadium;

Illi dan il-hanut kien iservi l-istadium u kien licenzjat ghaldaqstant minn zmien immemorabbli;

Illi ricentement il-Kummissarju tal-Pulizija ma riedx igedded l-istess permess u dan minghajr l-ebda raguni valida jew ghall-konsiderazzjonijiet illi m'humiex legittimi;

Illi minhabba l-agir arbitrarju tal-konvenut gew ikkawzati danni lill-atturi;

Talbu lil din il-Qorti:

1) Tiddikjara illi d-decizjoni ta' rifjut tal-permess lill-atturi li jiggestixxu l-hanut li jaghti ghall-istadium ta' Victoria, Gozo, tikkostitwixxi abbuz tas-setgha tal-awtorita` pubblika billi din saret ghall-ghanijiet mhux xierqa u kienu bazati fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti, u ghalhekk hija null u bla effett u ghandha tigi revokata.
2) Tikkundanna lill-konvenut ghall-hlas tad-danni a bazi tal-Artiklu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni, inkluzi l-ispejjez tal-ittra ufficjali tad-19 ta' April 1996;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

(1) Illi preliminarjament din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni li tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza a tenur ta' l-Artikolu 469A stante li dan l-artikolu bis-subinciz (4) jipprovdi li l-istess disposizzjonijiet m'ghandhomx japplikaw meta r-rimedju jigi provdut dwaru b'ligi ohra.

Illi f'dan il-kaz l-atturi kellhom u ghad ghandhom aditu ghal zewg bordijiet amministrattivi u cioe` il-Bord ta' Pariri dwar Licenzji tal-Pulizija u t-Tribunal ta' Appelli dwar Licenzji tal-Pulizija, biex ikunu jistghu jivventilaw l-lanjanzi taghhom.

(2) Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-gudizzju ma hux integru stante li l-Gozo Football Association ghandha d-dritt esklussiv li tiggestixxi l-istadium tal-*football*, kif ukoll *bars* u kcejjen f'dak il-post u ghalhekk kull pretenzjoni ta' l-atturi fir-rigward ghandha tigi respinta wkoll minn min ghandu interess dirett u legittimu fil-vertenza.
(3) Illi minghajr pregudizzju u subordinatament ghall-premess, it-talbiet kollha ta' l-atturi huma bla ebda bazi guridika u fattwali inkwantu huwa ezercita d-diskrezzjoni amministrattiva fdata lilu bil-ligi b'akbar ragonevolezza u fil-limiti stretti tas-setghat li ghandu.

Salvi eccezzjonijiet ohra skond il-ligi;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-8 ta' Marzu 2000 fejn il-kawza giet differita sine die;

Rat ir-rikors tat-30 ta' Gunju 2000 ta' l-attrici fejn talbet li l-kawza tigi riappuntata, u d-digriet ta' l-4 t' Lulju 2000 li permezz tieghu gie milqugha l-imsemmija talba u l-kawza riappuntata ghat-8 ta' Novembru 2000;

Rat id-digriet ta' l-24 ta' Ottubru 2001 li permezz tieghu, wara li l-atturi u d-difensuri taghhom baqghu ma dehrtux, il-kawza giet differita sine die;

Rat ir-rikors tal-25 ta' Ottubru 2001 li permezz tieghu l-atturi talbu r-riappuntament tal-kawza;

Rat id-digriet tat-30 ta' Ottubru 2001 fejn it-talba giet milqugha u l-kawza riappuntata ghat-28 ta' Novembru 2001;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dwar l-ewwel eccezzjoni

Il-konvenut isostni, permezz ta’ l-ewwel eccezzjoni tieghu, illi din il-Qorti m’ghandhiex gurisdizzjoni tiehu konjizzjoni ta’ din il-kawza in vista ta’ dak li jipprovdi s-subartikolu (4) ta’ l-artikolu 469A tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili. Dan is-subartikolu jipprovdi testwalment hekk:

**“Id-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu ma ghandhomx japplikaw meta l-mod ta’ kontestazzjoni jew ta’ ksib ta’ rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jigi provdut dwaru f’xi ligi ohra.”**

Saret referenza ghall-Avviz Legali 18 ta’ l-1991 imsejjah “Regolamenti dwar Proceduri ghal-Licenzi” li jipprovdi ghat-twaqqif ta’ Bord ta’ Pariri dwar Licenzi tal-Pulizija **“sabiex jaghti pariri lill-Kummissarju tal-Pulizija fuq l-applikazzjonijiet kollha dwar l-ghoti, tigdid u trasferiment ta’ licenzi”** (reg. 3(1)), kif ukoll ghat-twaqqif ta’ Tribunal ta’ Appelli dwar Licenzi tal-Pulizija **“sabiex jisma’ u jaqta’ l-parir finali li ghandu jinghata lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar id-decizjoni ta’ qabel li l-istess Kummissarju jkun ha dwar l-ghoti, tigdid, trasferiment jew tahsir ta’ licenzi”** (reg. 6(1)). Il-konvenut isostni, fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu, illi l-atturi kellhom jadixxu l-imsemmi Tribunal meta rcevew ir-rifjut ghall-applikazzjoni taghhom u mhux lil din il-Qorti, u dan peress illi ma kinitx il-kontestazzjoni tat-terz privat li waqqfet l-iter amministrattiv fl-ipprocessar tat-talba ta’ l-atturi imma l-fatt illi riedu jgeddu licenzja li ma kinitx tezisti.

Issa, minn kliem il-ligi huwa evidenti illi l-Bord ta’ Pariri ghandu l-funzjoni li jaghti pariri lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar l-applikazzjoniiet **<u>“kollha”</u>** li jsiru minn min ikun jixtieq jinghata, igedded jew jittrasferixxi licenza. Fil-kaz in ezami ma jirrizultax illi l-applikazzjoni ntbaghtet ghall-ezami ta’ l-imsemmi Bord u wisq anqas illi gie osservat dak li jiddisponi r-regolament numru 4 fl-imsemmi Avviz Legali, cioe` li meta applikazzjoni ghall-ghoti, tigdid jew trasferiment ta’ licenzja tkun giet kontestata minn xi

persuna ohra li jkollha interess, **“il-Bord ghandu jaghmel seduta sabiex jisma’ bil-gurament kemm lill-applikant u lill-persuna li jkollha interess, flimkien ma’ kull xhud li jenhtieg”**.

Ghalkemm il-konvenut isostni illi ma kinitx il-kontestazzjoni tat-terz privat li waqqaf l-ipprocessar ta’ l-applikazzjoni ta’ l-atturi imma l-fatt illi riedu jgeddu licenzja li ma kinitx tezisti, mix-xiehda ta’ P.S. 756 Joseph Camilleri jirrizulta proprju l-kuntrarju. Dan ix-xhud jghid illi fit-2 ta’ Frar 2006 saret “applikazzjoni fl-ufficcju Ghawdex minn Josephine Le Prevost biex tkun tista’ tbiegh ‘soft drinks’. Birra, gelat u affarijiet affini mill-kjosk fis-Silver Jubilee Stadium” (a fol. 48 – 49). U fl-affidavit tieghu (a fol. 66) jghid: “L-applikazzjoni ghall-ftuh ta’ dan il-bar giet ipprocessata regolarment u ma kien hemm ebda oggezzjonjiet min-naha tad-Dipartimenti Governattivi ghal hrug ta’ licenzja tal-Pulizija. L-unika oggezzjoni jew oggezzjonijiet kienu min-naha ta’ Gozo Football Association…”

Ghalhekk, galadarba ma gietx segwita l-procedura stabilita mil-ligi sabiex tittiehed id-decizjoni mehuda mill-Kummissarju tal-Pulizija, cioe` kien hemm nuqqas fl-osservanza tal-htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta’ l-eghmil amministrattiv u fid-deliberazzjonijjiet ta’ qabel dwar dak l-eghmil, l-atturi ma kellhomx alternattiva ohra hlief li jadixxu lil din il-Qorti u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni qed tigi respinta.

Fil-mertu

Issa, l-atturi bbazaw l-azzjoni taghhom fuq dak previst fl-artikolu 469A(1)(b)(iii) li jiddisponi illi l-qrati tal-gustizzja ta’ kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validita` ta’ xi eghmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett **“meta l-eghmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta’ l-awtorita` pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti”**. Allura din il-Qorti hija limitata sabiex tinvestiga biss jekk kinux jezistu ghanijiet mhux xierqa jew

konsiderazzjonijiet irrilevanti meta ttiehdet d-decizjoni mill-Kummissarju tal-Pulizija li jirrifjuta l-applikazzjoni ta' l-attrici "to sell soft drinks, ice-cream, sweets, snacks and cigarettes from kiosk at Gozo Stadium l/o Xewkija, Gozo" (ara *notice of refusal* a fol. 85).

Issa, fin-*notice of refusal* ma gietx indikata r-raguni ghaliex l-applikazzjoni kienet qed tigi rifjutata. P.S. 756 Joseph Camilleri spjega li l-bazi principali ta' l-oggezzjoni mill-Gozo Football Association kienet li Le Provost ma ghandha ebda titolu fuq il-Gozo Stadium u l-uniku titolu jappartjeni lill-Gozo Football Association skond skrittura datata 3 ta' Awissu 1995 bejn is-Segretarju Permanenti ghall-Ministeru ghal Ghawdex u l-Gozo Football Association, liema skrittura tawtorizza lill-Assocjazzjoni, fost ohrajn, li "jkunu jistghu jzommu fil-lokal imsemmi kcina/bar u jitolbu minghand il-pulizija licenzja ghal dan l-iskop…" (artikolu 4 ta' l-imsemmija skrittura). Jidher illi l-bejgh li kien isir mill-atturi kien minn tieqa go karma annessa mar-residenza taghhom u li taghti ghal fuq il-ground tal-football.

Filwaqt illi m'hemmx dubju li d-decizjoni ta' rifjut mehuda mill-Kummissarju tal-Pulizija ma kinitx decizjoni mehuda fl-interess tal-kompetizzjoni hielsa, kienet decizjoni msejsa fuq ragunijiet ta' titolu u ta' ordni pubbliku u ghalhekk mhux ghal ragunijiet mhux xierqa jew konsiderazzjonijiet irrilevanti. Konsegwentement l-azzjoni attrici in kwantu bazata fuq dak li jiddisponi l-artikolu 469A(1)(b)(iii) ma tistax tirnexxi.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici. Bl-ispejjez li jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet. B'rizerva ta' kull azzjoni ulterjuri li talvolta tispetta lill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------